**JUM IT-TAGĦLIM NISRANI**
**2009-2010**

# MILL-FROTT TAGĦHOM TAGĦRFUHOM
**(Mt. 7, 20)**

---

## IT-TIFSIRA TA' JUM IT-TAGĦLIM NISRANI

**Katekeżi** hija l-kelma li tintuża biex tiddiskrivi l-ministeru essenzjali tal-Knisja li bih it-tagħlim ta' Kristu ġie mgħoddi lil dawk li jemmnu tul iż-żminijiet. Kull sena f'**Jum it-Tagħlim Nisrani** jingħata għarfien speċjali lil dan il-ministeru essenzjali u lil dawk kollha li għandhom il-privileġġ li jieħdu sehem fih. Din is-sena, fl-Arċidjoċesi ta' Malta, Jum it-Tagħlim Nisrani se niċċelebrawh nhar il-Ħadd 11 ta' Ottubru.

It-tema magħżula mill-Arċidjoċesi ta' Malta għal din is-sena hija marbuta mal-Ispirtu s-Santu billi din is-sena se jerġa' jiġi ċċelebrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof: **Mil-Frott Tagħhom Tagħrfuhom (Mt. 7, 20).**

Il-Knisja f'pajjiżna tagħmel mill-aħjar biex iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum it-Tagħlim Nisrani tkun waħda li toħroġ dejjem aktar it-tifsira tiegħu u sservi ta' ispirazzjoni għall-membri kolha tal-komunitajiet parrokkjali tagħna. Bit-tama li fil-parroċċi ta' Malta u Għawdex tikber l-familjarità u l-parteċipazzjoni fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-jum, noffru dawn it-tweġibiet għal tliet mistoqsijiet komuni dwar Jum it-Tagħlim Nisrani.

- Għaliex niċċelebrawh Jum it-Tagħlim Nisrani?

  Iċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-jum għandha għeruqha fl-istorja moderna tal-Knisja. Fl-1935, il-Vatikan ippubblika d-digriet ***Provido Sane Consilio***, dokument li jitlob li f'kull pajjiż ssir iċ-ċelebrazzjoni Jum it-Tagħlim Nisrani biex jingħata għarfien lill-importanza tal-ministeru tat-tagħlim Nisrani u ġieħ lil dawk li jaqdu lill-komunità Nisranija bħala katekisti. Fl-ewwel ftit snin wara t-twaqqif ta' Jum it-Tagħlim Nisrani, kienu anke jiġu organizzati kungressi kateketiċi

nazzjonali u internazzjonali f'rabta ma' din iċ-ċelebrazzjoni. Il-Knisja f'pajjiżna ilha għal dawn l-aħħar snin tħejji materjal ħafif biex tgħin lill-komunitajiet parrokkjali jiċċelebraw kif jixraq din il-ġrajja fil-livell lokali. Fiċ-ċelebrazzjoni ta' din is-sena nkunu qegħdin nimmarkaw it-tnejn u sebgħin sena mit-twaqqif ta' Jum it-Tagħlim Nisrani.

- X'inhi t-tifsira tal-Għoti tal-Mandat lill-Katekisti?

  Il-katekeżi hija ministeru distint u speċjali fil-Knisja. Kif jgħid b'mod ċar il-**Katekiżmu tal-Knisja Kattolika**: "Il-katekeżi għandha rabta' intima mal-ħajja kollha tal-Knisja. Jiddependi essenzjalment mill-katekeżi mhux biss l-estensjoni ġeografika tal-Knisja u t-tkattir ta' l-għadd ta' dawk li jemmnu, imma wkoll, u wisq aktar, jiddependi mill-katekeżi kemm il-Knisja tikber minn ġewwa u kemm taqbel mal-pjan ta' Alla." (n.7) Dan il-ministeru ta' tagħlim f'isem il-Knisja għandu dinjità tassew kbira u huwa għalhekk li l-katekisti jingħataw il-mandat tagħhom mill-Knisja b'mod formali. Waqt li tgħinna niffokaw fuq l-importanza tal-ministeru tal-Katekisti, iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum it-Tagħlim Nisrani tisħaq ukoll fuq ir-responsabbiltà ta' kull wieħed u waħda minna bħala dixxipli ta' kristu u membri ħajjin tal-Knisja li naqsmu l-fidi ma' l-oħrajn.

- X'għarfien jingħatw il-ġenituri bħala l-ewwel katekisti ta' wliedhom?

  Il-ġenituri tassew li huma l-ewwel u l-ewlenin katekisti ta' wliedhom. Għax huma l-ġenituri li jħejju l-ħamrija u jixħtu l-ewwel żerriegħa tal-fidi. F'Jum it-Tagħlim Nisrani, il-Knisja tfaħħar lill-ġenituri u lil dawk li jieħdu ħsieb it-tfal, u tħeġġiġhom biex jieħdu bis-serjetà r-responsabbiltà tagħhom li jagħmlu mid-dar u l-familja tagħhom imkien fejn il-fidi tiġi mgħoddija lill-ġenerazzjoni ta' wara. Huwa għalhekk li fiċ-ċelebrazzjoni ta' Jum it-Tagħlim Nisrani normalment ikun hemm ukoll talb u rit apposta għat-tberik tal-ġenituri u dawk li jieħdu ħsieb it-tfal.

**Segretarjat għall-Katekeżi**
Arċidjoċesi ta' Malta 9 ta' Settembru 2009